Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tat-12 ta' Jannar 2012 — Storck vs UASI — RAI (Ragolizia)

(Kawża T-462/09)

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Ragolizia — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti FAVOLIZIA — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 16, 36)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-8 ta' Settembru 2009 (Każ R 1779/2008-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Radiotelevisione italiana SpA (RAI) u August Storck KG.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) August Storck KG hija kkundannata għall-ispejjeż.